

# Marija Adeodata Pisani o.s.b.

**Soru Benedittina**

**(29 ta' Diċembru 1806 - 25 ta' Frar 1855)**

*Kitba ta'* **Mario Coleiro**

Marija Adeodata Pisani twieldet f'Napli fid-29 ta' Diċembru 1806, u ngħatat l-isem ta' Marija Tereża. Il-ġenituri tagħha kienu l-Baruni Benedetto Pisani Mompalao Cuschieri, Malti, u Vinċenza Carrano minn Napli. Missierha kellu l-vizzji tax-xorb u mhux kollox deher ward u żahar bejn l-omm u l-missier tant li dawn kellhom jisseparaw meta Marija Tereża kienet għadha tarbija. Minħabba f'hekk spiċċat titrabba minn nannitha, omm missierha, Eliżabetta Mamo Mompalao Cuschieri li żergħet fiha twemmin reliġjuż sod. Din rabbietha sakemm Marija Tereża għalqet għaxar snin għax nannitha mietet. Minħabba f'hekk Marija Tereża ntbagħtet f'kulleġġ tal-bniet f'Napli sakemm għalqet 17-il sena.

Milli jidher missierha kellu xi inkwiet u nstab ħati talli kien imdaħħal f'rewwixta kontra r-re. Ġie kkundannat għall-mewt, iżda billi kien ċittadin Ingliż, kien deportat lejn Malta. Ta' 19-il sena hi ġiet Malta għal kollox flimkien ma' ommha u marru joqogħdu r-Rabat. Ommha kemm-il darba ppruvat issibilha għarus biex tiżżewweġ, iżda hi qatt ma riedet. Kienet xebba miġbura ġewwa darha, barra qatt ma fittxitu ħlief biex tmur il-knisja. Ma' missierha ltaqgħet bosta drabi u dejjem ġabitlu rispett. Ħafa kienu jammiraw il-ħajja eżemplari tagħha għax ċerta qdusija ġa kienet tidher fiha.

Marija Tereza kienet issib il-għaxqa tagħha titlob fil-Knisja ta' San Mark li l-Agostinjani għandhom fir-Rabat. Kien proprju f'din il-knisja quddiem ix-xbiha tal-Madonna tal-Parir it-Tajjeb, li ħasset is-sejħa li tidħol soru.

Ommha ma ħaditx gost b'din id-deċiżjoni ta' bintha u għalhekk ġegħlitha tistenna sena biex tkun żgura mill-pass li kienet se tieħu. Marija Tereża baqgħet deċiża u daħlet fil-monasteru klawstrali ta' San Pietru fl-Imdina. Fil-monasteru sabet ħajja ta' talb, xogħol, silenzju u ubbidjenza. Hawn ingħatat l-isem ta' Marija Adeodata. Fit-8 ta' Marzu 1830 hi għamlet il-professjoni reliġjuża u b'hekk ċaħdet id-dritt għall-ereditá. F'dan iż-żmien hi ngħatat diversi karigi fosthom dik ta' Badessa. F'din l-ogħla kariga f'monasteru hi saħħet ir-riforma dwar il-ħajja komunitarja b'aktar osservanza lejn ir-regoli monestiċi. Dan il-pass ma ngħoġobx mis-sorijiet kollha. Kariga oħra ta' ċerta responsabilità kienet dik ta' majjistra tan-novizzi. Hawn hi ħeġġet lin-novizzi fl-osservanza stretta tar-regola u fit-talb.

Adeodata mietet minħabba mard tal-qalb fil-25 ta' Frar 1855, fl-età ta' 48 sena. Dakinhar li mietet hija niżlet għall-ewkaristija fil-kappella tal-kunvent. Dan għamlitu kontra l-parir tat-tabib wara li bi tbatija tellgħuha f'kamritha u mietet f'sodditha tħaddan il-kurċifiss. Hija ndifnet fil-knisja tal-monasteru stess. In-nies mill-ewwel żammewha bħala qaddisa u ħafna stqarru li kellhom fejqan mirakoluż meta rrikorrew għall-interċessjoni tagħha.